**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

**29 t' Settembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 28 t' April 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 50 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **50.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **50.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 50.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 49, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **50.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 50.03.01 | Is-Sindku ressaq imejl b it-titlu tas-suġġett Kottonera f' Qalbna tuna Artna Lura. Din is-seduta ser tiġi estiża għall-Novembru u għalhekk is-sindku kellem lis-segretarju eżekuttiv sabiex nikkomunikaw mal-avukat sabiex iwieġeb li l-kunsill lokali tal-Isla għadu kontra l-proġett tal-bini. L-AUM irridu jibdlu l-pjanti sabiex jibnu it-taraġ li jagħmel ma bormla u iż-żona li tagħmel mal-Isla quddiem il-maċina, il-kunsill bagħat lil avukat sabiex jikteb li l-kunsill tal-Isla huwa kontra l-binja u mhux kontra l-porġett kollu. |
| 50.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar Ċirkulari AKL 2022/ 087 – 30 Anniversarju Gvern Lokali sabiex il-kunsill jibgħat l-isem ta' post ta interess ġewwa l-lokal tal-Isla. |
| 50.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera kollha li it-tender ta' Smart Waste Depots ISLC/T/04/2022 ġiet ippublikata fuq l-EPPS, fejn kien hemm imejl minn għad is-Sur Silvio Spiteri li ried jikkomunika magħna dwar kjarifċi għall l-*ispecifications* tat-*tender*. Dan għandu jagħmel hekk billi tintbgħat kjarifika fuq l-EPPS u mhux permezz ta' imejl. |
| 50.03.04 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li l-konferenza tal-proġett Re-Create ser issir fl-AUM fid-9.30am. L-AKL bagħtu ċirkulari Cir AKL 2022/089 European Local Democracy Week sabiex sabiex il-kunsilliera jirreġistraw l-attendenza tagħhom. |
| 50.03.05 | Is-Sinj. Joline Attard infurmat lil kunsilliera preżenti li waqt il-laqgħa li attendit dwar il-proġett European Local Democracy Week is-Sur Mark Balzan kien staqsa lis-sinj Joline Attard jekk il-grupp li ser jitla' is-Serbia għall-proġett Engage Connect Empower jistax jesebixxa iż-żifna u l-kanzunetta li ser jippreżentaw is-Serbia dak in-nhar tal-attivitajiet tal- European Local Democracy Week. Is-Sinj. Joline Attard għandha tikkomunika maż-żgħażagħ jekk jistgħux jattendu għall din l- |

| | |
|---|---|
| | attivita. Il-Kunsilliera preżenti approvaw li issir din l-esebizzjoni miż-żgħażagħ kull ma jkollhom bżonn speakers u microphone. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ser jiltaqgħu mas-Sur Mario Balzan u Sin. Cynthia Debono fl-4 t' Otubru 2022 quddiemil-Bust J.B. Azoppardo sabiex jiddiskutu aktar dettal għall-attivitajiet għal Europena Democracy Week. |
| 50.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li it-taraġ ta' fejn il-Bust ta J.B. Azopardo sr issir bil-kuluri li jindikaw il-klima kif qed taffetwa lid-dinja. Iż-Żebgħa ser tiġi sponsorjata mill-BETA għall dan il-proġett u ser jinżebagħ mill-għaqda volontarja Move immexxi minn Cynthia Debono bl-għajnuna wkoll tal-ħaddiema tal-kunsill. Is-Sur Mario Balzan bagħat id-disinn kif ser issir quddiem il-Bust ta J.B. Azzopardo. |
| 50.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li intbagħtet Ċirkulari tar-Reġjun Port 22/2022 Ġbir ta' informazzjoni AGM Reġjun Port 2022, ir-Reġjun qed jitlob ritratti jew xi vedeo ta' tiżjin tal-Milied li kien iffinanzjat mir-Reġjun u ritratti ta xogħolijiet li kienu assenjati l-ħaddiema tar-RSSL, kif ukoll ritratti li saru mill-fondi mogħtija mid-diviżjoni għall-attivitajiet kulturali li saru matul is-sena 2022. |
| 50.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li intbagħtet Ċirkulari Reġjun Port 23/2022 Konsultazzjoni -Strateġija Gvern Lokali dan id-dokument intbgħat f' Cir Reġjun Port 20/2022, jekk hemm xi proposti li l-kunsill lokali tal-Isla jixiteq iressaq dwar din il-konsultazzjoni għal Strateġija Gvern Lokali jista' jagħmel dan sa l-31 t' Ottubru 2022 dan għandu jinkludi dak li l-kunsill jemmen li huwa meħtieġ sabiex jekk issir riforma tkun waħda effetiva. Fis-16 ta' Novembru 2022 ser ikun hemm laqgħa għal din il-konsultazzjoni intbgħatet ċirkulari CIR Reġjun Port 24/2022 sabiex min ser jattendi jirreġsitra. |
| 50.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm kaxxa blu ta' Ms. Helen Pace fi Triq il-Vitorja sabiex din titneħa għaliex s-Sinj. M'għadiex toqgħod hemm. |
| 50.03.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li s-sindku irċieva imejl sabiex jattendi konferenza il-Birgu fit-3 t' Ottubru 2002 sabiex issir zebra crossing Roża li tisimbolizża aktar għarfien dwar il-kanċer tas-sider. |
| 50.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li r-Reġjun Port kien ser japplika għall-EUCF f'isem il-kunsill lokali tal-Isla iżda dan ma jistax issir għaliex il-kunsill lokali tal-Isla kien diġa ibbenifika minn fondi oħra fi proġett sabiex jitneħħa asbestos madwar il-kottonera. Ir-Reġjun Port ser japplika f'isem il-Kunsill tal-Kalkara għall EUCF. |

| | |
|---|---|
| 50.03.12 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li irċieva imejl minn għand is-Sur Ronald Abela operation Manager tar-restoration fejn informa lis-sindku li l-periklu fi Triq l-Arkati ser jitneħħa minn nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022. Il-Kunsill kera il-lifter sabiex jintuża għall dan ix-xogħol. |
| 50.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol fi Triq Sant Anġlu beda din il-ġimgħa u l-ġimgħa d-dieħla ser jibdew is-servizzi tal-ilma. Il-Kunsill ħareġ Ċirkulari sabiex jinforma lir-residenti li nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru ser jibda ix-xogħol fi Triq Sant Anġlu minn Triq il-Vitorja san Triq il-Ponta u li dan il-pavimentar ser issir bil-fondi tal-LESA.<br><br>Fit-30 ta' Settembru ser terġa tinalaq il-mina biex jitkompla ix-xogħol tad-daħla tal-Isla, kif ukoll ser inalaq il-biċċa tan-niżla ta' Triq il-ħabs l-Antik. It-Traffiku irrid jagħddi minn Triq iż-Żewġ Mini biex joħroġ il-barra minn. L-Isla irrid joħroġ minn Triq San Ġużepp.<br><br>Ix-Xogħol ta' quddiem l-iskola sar ukoll għalhekk it-tfal daħlu lura l-iskola mingħajr periklu fit-triq. |
| 50.03.14 | Is-Sindku ikkomunika mal kunsilliera li It-Tabelli ta' Triq il-Vitorja ser jerġgħu jinqalgħu wara li s-sindku kellem lil kuntrattur għaliex dawn ma twaħħlux fuq il-bankina imma fit-Triq. Dwar il-proġett ta' Triq il-Vitorja ser ikun hemm aktar tabelli ta' diversions għat-traffiku u huwa proġett minn entita differenti mill-proġett tad-daħla tal-Isla, għalhekk ser ikun hemm xogħolijiet għaddejien fl-istess żmien iżda dan ix-xogħol irrid issir inkella jintilfu l-fondi. |
| 50.03.15 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex il-kunsillikun jista' jagħmel pagament ta' 500 ewro lil kuntrattur sabiex jixtri il-ħadid u jkun jista' jibda jaħdem il-forma tas-siġra tal-milied i jippreżenta l-irċevuta tal-ħadid li jixtri. Il-Kunsilliera qablu unanimament li jsir pagament lil kuntrattur b' bank transfer. Kif ukoll pagament ieħor irrid issir lis-Sinj Joline Attard sabiex il-kunsill jibgħat bank transfer ta' 140 euro sabiex tkun tista' tħallas ir-recording tal-mużika li ser titella' is-Serbia. Il-Kunsiliera qablu dwar dan il-pagament ukoll. |
| 50.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv reqgħet ir-rapport li bagħat il-contracts manager tax-xahar ta' April li dan mhux aċċetabli, ma jistax ikun li f'xahar ir-rapport ikun ta żewġ ritratti biss għalhekk għax-xahar ta' April 2022 ser jitwaqqaf il-pagament. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għandha tintbgħat default notice. |
| 50.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar applikazzjoni għall-Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali SPI/SI/6/ 2022 sabiex |

| | |
|---|---|
| | issir dan ix-xogħol jekk il-kunsill jinata l-fond massimu ta' 65,000 euros mill-iskema l-kunsill irrid joħroġ 45,000 euro. Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet mal-accountant tal-kunsill sabiex tindikala jekk jistgħux li din l-ispiża ta' differrenza ta' 45,000 euro titħallas f'sentejn iżda l-accountant infurmat lil kunsill li sew jekk jitħallas f'daqqa jew jitħallas f'sentejn id-depreciation tad-dawl hija mija fil-mija għalhekk il-bilanċ tal-kunsill ikun minn taħt għas-sena 2023 u 2024. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-kunsill mhux f'pożizzjoni li l-kunsill joħroġ dawn il-fondi u wara ma jkunx jistgħu issiru proġetti oħra jew ma jkunx hemm fondi jekk tinqala xi emerġenza. F' Dan il-każ il-kunsill iffranka il-kontijiet tal-periti għaliex il-periti tal-gvern ħadmu din l-istima. Il-Periti tal-gvern għandhom jibgħatu MOU sabiex il-kunsill jiffirma li l-kunsill huwa responsabli biex jittħalsu l-fondi addizjonali mill-iskema. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ma japplikawx għall din l-iskema. |
| 50.03.18 | Is-Sindku informa li il-kunsill irċieva iċ-ċirkulari CIR AKL 2022/091 għal tindif tal-culverts. Dawn il-Culverts ta' madwar l-Isla tnaddfu minħabba li jsta jkun hemm xi sadd wara x-xita. |
| 50.03.19 | Is-Sindku preżenta iċ-Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 – Skema Finanzjament Aċċessibilita' u Mobilita'. Is-segretarju ser tikkonferma mad-direttur kemm il-kunsill ingħata fondi minn din l-iskema sabiex il-kunsill jużhom f'pavimentar sabiex aktar toroq ikun aċċessibli għar-residenti peress li l-applikazzjoni biex issir lift, il-kunsill ma ingħatax permess fejn kien ser issir għax l-art hija privata. |
| 50.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li SportMalta bagħtu imejl ta ringrazzjament tal-parteċipazzjoni ta BEACTIVE night fejn ħadum sehem 48 persuna. |
| 50.03.21 | Is-Sindku informa lil-kunsillera preżenti li ser jieġġħu issiru is-sezzjonijiet tal-Yoga fis-sala tal-kunsill nhar ta' Tnejn. |
| 50.03.22 | Is-Sindku informa li kellu laqgħa mas-Sur Ramon Mangion mill-MCAST fejn ser issir attivita marbuta mal-Jum Dinji tal-Anzjani hekk kif ġie mħabbar mill-UN. Dan l-active ageing cafe ser ikun ukoll opportunita biex anzjani jirreġsitraw għall-community college għall-programm ta' terza eta. Is-Sur Ramon Mangion bagħtilna poster sabiex issir fuq paġna ta' FB u notice board. Huwa talab li jekk ikun hemm xi anzjani li japplikaw il-kunsill joffri is-servizz tal-van. L-anzjani għandhom jirreġistraw mal-MCAST u l-MCAST tinforma lil kunsill jekk ikun hemm il-bżonn tat-trasport. |

| | |
|---|---|
| 50.03.23 | Is-Sindku, flimkien mas-segretarju eżekuttiv, kunsilliera u ħaddiema tal-kunsill fit-22 ta' Settembru 2022 iltaqgħu mal-Onor. Alison Zerafa Civelli fejn iddiskutew ix-xogħolijiet u l-proġetti li qed jaħdem fuqu il-kunsill. L-Onor. Irringrazjat lil kunsill kollu tal-ħidma kontinwa ta' dan il-kunsill. |
| 50.03.24 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lir-Reġjun biex tkun unfurmata f'hix waslet l-iskema tal-Proġett SORĠI iżda għal issa dan il-proġett huwa wieqaf. |
| 50.03.25 | Is-Sindku u l-viċi sindku kienu preżenti waqt il-quddies tal-festa tal-Vitorja fejn l-arċipriet propona flimkien mal-kapitlu li l-pjazza fil-belveder ta' fuq il-Forti San Mikiel jiġi imsemmi għall-Arċipriet Emmanuel Brincat li is-sena id-dieħal infakkru t-80 sena anniversarju minn meta irċieva l-aħbar li l-Italja ċediet u l-gwerra għebet minn fuq Malta. Dan kien ħabbru minn fuq il-pulptu fi tmiem il-purċissjoni tal-Bambina fit-8 ta' Settembru 1943. Il-Kunsill lokali irċieva ittra minn għand is-Sur Fabian Mangion fid-9 ta Settembru dwar il-proposta li l-wesgħa fl-Isla tissemma għal-Mons. Manuel Brincat Arċipriet tal-Isla bejn 1940 u 1947 fejn kiteb żewġ punti dwar din il-proposta, iżda ma jarax l-konnessjoni bejn l-Arċipriet Brincat u tmiem il-gwerra u għalhekk mhux il-lok li din il-wesgħa tisemma għal Mons Brincat bl-ebda disrispett. U l-punt l-ieħor li m'għandiex din il-wesgħa tisemma għal Mons Brincat għaliex mhux mill-Isla u apparti li tajjeb wieħed iżomm f'moħħu li hemm numru mhux żgħir ta' Sengleani, minn kull qasam tal-ħajja li jimmeritaw li jisemma x'imkien għalihom. Għaldaqstant, jekk din il-wesgħa għandha tingħata isem, dan għandu jkun b'ġieħ u b'tifkira ta' personlaita' Sengleana u jekk dan il-post huwa qrib is-swar is-Sur Mangion jara li aktar jixraq lil xi arkitett, perit, skultur, storiku eċċ Senglean milli qassis. Is-Sur Mangion temm l-ittra tiegħu billi jittama li dawn il-punti huma ta' għajnuna għall kunsill għad-deċiżjoni tal-kunsill. Wara diskussjoni bejn il-kunsillera kollha ġie deċiżli għal issa ma jaqblux mal-proposta tal-arċipriet Fr. Robin Camilleri għaliex hemm aktar ismijiet li jimmeritaw li jisemmew għal xi Triq, Pjazza, Wesgħa eċċ. Is-Sindku ipropona li issir lejla letterarja għat-80 sena annisversarju tal-Arċipriet Mons Emmanuel Brincat. Il-Kunsilliera qablu dwar din il-proposta. |
| 50.03.26 | Is-Sindku preżenta l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port Nru 11 lil kunsilliera preżenti għall attenzjoni tagħhom. |
| 50.03.27 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li għal-ħarġa tal-ESPLORA ibbukjaw 25 persuna li ser issir għada fit-30 ta' Settembru fid-9.30am. Il-Kunsilliera huma mistiedna. |

| **50.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
|---|---|
| 50.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-Kunsill ikkisser jew ibaqqan ftit l-art fi Pjazza Don Mauro Inguanez għaliex l-art qed tiżloq ?<br><br>Is-sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li din tista issir bil-ħaddiem tal-manutenzzjoni tal-Kunsill. |
| 50.4.2 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Malcolm Gatt nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Il-Contracts Manager għadu jiġi u jagħmel ir-rapport tan-nuqassijiet li jsib madwar l-Isla ?<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku talbu li issir laqgħa mal-kuntrattur iżda is-Sindku kien imsiefer għalhekk ġiet postposta. |
| 50.4.3 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista issir *health lifestyle course* dwar kors ta nutrition mas-Sinjura Lara Gerada, fejn issir tlett kwart lecture u kwarta eżerċizzju għall prezz ta' 55 ewro li issir fis-sala tal-kunsill fejn il-kunsill irrid jipprovdi |

| | |
|---|---|
| | s-sala, siġġijiet u projector, is-suġġeriment tiegħi illi din issir darba fix-xahar u wara issir tombla u xi crafts ta' knitting jew crochet.<br><br>Is-segretaju eżekuttiv staqsiet jekk il-kunsilliera preżenti jaqblux ma din il-proposta u il-kunsilliera preżenti approvaw din l-attivita. |
| 50.4.4 | Jiena Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Nixtieq nipproponi li fl-4 arkati fit-Triq iż-Żaren Mifsud issiru 4 pitturi relatati mal-Isla, eżempju waħda bid-dgħajjes tal-pass, waħda tal-assedju l-kbir u l-oħra tat-tieni gwerra u waħda relatata mal-Bambina. Hemm xi fondi li nistgħu napplikaw għalihom ?<br><br>Il-Kunsill jista jitlob kwotazzjonijiet għal dawn il-pitturi pero ma jkunux diretti mal-ħajt għax din tista titfarfar minħabba l-ġebla. Il-Kunsill jista' jistaqsi għall xi fondi mill-Arts Council. |
| 50.4.5 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-kunsill jagħmel il-bozzoz tal-arkati jinxtgħelu roża għall Pink October u jinbiddlu l-bozzoz li jistgħu jinbidlu l-kuluri.<br><br>Is-Sindku irrisponda li niċċekjaw kemm jistgħu jiġu jiswew u jekk ikun hemm il-fondi jistgħu issiru. |
| **50.5** | **Rapporti** |
| 50.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* t' Awissu 2022 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **50.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 50.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 9/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **50.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 50.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 27 t' Ottubru 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Clive Pulis | Graziella Gellel |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |